MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Numru 86/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jessica Grima)**

**vs**

**Carmine Bongailas**

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 574591(m), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-5 ta' Novembru 2012 gewwa San Pawl il-Bahar:

1. gieghel animal isofri ugigh, tbattija jew dwejjaq minghajr bzonn, u abbanduna animal;
2. zamm jew qabel li jizom animal li kellu jkun responsabbli ghalih;
3. ingurja jew hedded lil Stephanie Agius;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-annimal riferut fl-akkuza huwa (jew ahjar kien) pappagall li l-imputat kien irceva bhala rigal ghal gheluq sninu mill-allura gharusa tieghu Stephanie Agius. Sussegwenti ghal dan il-fatti huma: li xi granet qabel l-5 ta’ Novembru tal-2012 l-imputat u l-gharusa tieghu kellhom dak li li irrisulta kien l-ahhar litigju taghhom. Kien l-imputat, kif jistqarr huwa stess, li kien ha d-decizjoni li jwaqqaf ir-relazzjoni taghhom wara li kien semgha li wara dan il-litigju hi kienet harget tixrob ma’ hbieha liema fatt ha dimensjonijiet akbar fil-waqt li cemplilha u ma rrisponditux tant li irrikorra biex jibghatilha messaggi bit-telefon. Ghal dawn hi rrispondiet fejn ghajritu mignun u biex jmur jara tabib. Fil-kuntest ta’ dawn il-messaggi skambjati l-imputat jirrikonoxxi li qalilha li kien ser ipattihielha, izda mhux biss, irrikonoxxa wkoll li fl-ahhar wiehed mill-messaggi kien sahansitra qalilha “issa tkun taf x’insarraf jien, hallejtlek xi haga fuq il-karozza u lesti ruhhek, issa ha tkun taf minn hu Carmine u kemm jasal”. Il-‘haga’ li hallielha kien proprju dan il-pappagall strozzat.

Domandat jispiega kif kien qatel il-pappagall, l-imputat testwalment irrisponda: “qbadt u dawwartlu rasu u mal-ewwel miet miskin”. Hawnhekk, il-Qorti qeghda tikkwota mill-istqarrija minnu legalment rilaxxjata fis-27 ta’ Jannar 2013.

L-imputat, waqt li iddepona, ma innegax il-fatt tal-qtil tal-annimal ghalkemm zied jghid li ghamel x’ghamel mhux biss biex jivvendika ruhhu izda ghaliex kien mahruq u fis-sahna tal-mument. Issa, din tas-sahhna tal-mument xejn ma ssib applikazzjoni fil-materija ta’ din il-kawza kif lanqas issib applikazzjoni xi pretiza provokazzjoni.

Si tratta hawnhekk ‘sic et sempliciter’ fi qtil ta’ animal fl-liema qtil l-Qorti frankament ma tara ebda gustifikazjoni ghaliex kellu jitwettaq; qtil li l-Qorti tikkonsidra bhala att estrem ta’ krudelta’ indipendentement mil-mod ta’ kif gie esegwit. Il-Kap 439 jipprodi car fl-Artikolu 8 sub-incis (2) u (3) li “ebda animal ma ghandu jigi mgieghel isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u l-ebda animal ma’ jista’ jigi abbandunat” u “kull min izomm l-annimali jew jaqbel li jzomm annimali ghandu jkun responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom” – normi li m’ghandhomx bzonn elucidazzjoni fil-kuntest tal-kumplament tal-Att citat.

Issib ghalhekk l-imputat hati. Rat l-Artikolu 8 u 45(1)(a) li jipprovdi piena bejn hames mija u tletin elf euro. Tikkundannah multa ta’ elfejn euro.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------